Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

2024/0801(NLE)

31.1.2024

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-ħatra proposta ta' Carlo Alberto Manfredi Selvaggi bħala Membru tal-Qorti tal-Awdituri
(C9-0008/2024 – 2024/0801(NLE))

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

Rapporteur: Matteo Adinolfi

WERREJ

Paġna

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

ANNESS 1: CURRICULUM VITÆ TA' CARLO ALBERTO MANFREDI SELVAGGI 4

ANNESS 2: TWEĠIBIET TA' CARLO ALBERTO MANFREDI SELVAGGI GĦALL-KWESTJONARJU 9

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-ħatra proposta ta' Carlo Alberto Manfredi Selvaggi bħala Membru tal-Qorti tal-Awdituri
(C9-0008/2024 – 2024/0801(NLE))

(Konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 286(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema l-Parlament ġie kkonsultat mill-Kunsill (C9-0008/2024),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 129 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0000/2024),

A. billi, bl-ittra tas-17 ta' Jannar 2024, il-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament Ewropew dwar il-ħatra ta' Carlo Alberto Manfredi Selvaggi għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri;

B. billi l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tiegħu evalwa l-kwalifiki ta' Carlo Alberto Manfredi Selvaggi, b'mod partikolari fir-rigward tal- kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 286(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; billi, fil-qafas ta' din l-evalwazzjoni, il-Kumitat irċieva mingħand Carlo Alberto Manfredi Selvaggi curriculum vitae kif ukoll it-tweġibiet tiegħu għall-kwestjonarju miktub li kien indirizzat lilu;

C. billi dan il-kumitat imbagħad, fit-22 ta' Frar 2024, ipproċeda b'seduta ta' smigħ ma' Carlo Alberto Manfredi Selvaggi, li matulha huwa għamel stqarrija preliminari, u wara wieġeb għall-mistoqsijiet li saru mill-membri tal-Kumitat;

1. Jagħti opinjoni favorevoli/negattiva dwar il-proposta tal-Kunsill għall-ħatra ta' Carlo Alberto Manfredi Selvaggi għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u, għal skopijiet ta' informazzjoni, lill-Qorti tal-Awdituri, kif ukoll lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni Ewropea u lill-istituzzjonijiet tal-awditjar tal-Istati Membri.

ANNESS 1: CURRICULUM VITÆ TA' CARLO ALBERTO MANFREDI SELVAGGI

ESPERJENZA PROFESSJONALI

- Maġistrat tal-Qorti tal-Awdituri Taljana mill-1997, imdaħħal b'kompetizzjoni, serva bħala Sostitut Prosekutur Ġenerali sal-2005 u Deputat Prosekutur Ġenerali mill-2005 sal-2021. Mill-2021, President ta' Awla tal-Qorti tal-Awdituri.
- Mill-2013 sal-2023, Prosekutur Reġjonali tal-Qorti tal-Awdituri: sal-2016 Prosekutur Reġjonali għal Molise, mill-2016 sal-2021 Prosekutur Reġjonali għal Emilia-Romagna u mill-2021 sal-2023 Prosekutur Reġjonali għal Apulia (u Prosekutur Reġjonali interim għal Molise minn Frar 2023). F'din il-kapaċità, persuna ta' kuntatt għall-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) fil-qasam tal-ġlieda kontra l-frodi kontra l-Unjoni Ewropea, wara esperjenza preċedenti bħala membru tal-Kumitat għall-Ġlieda kontra l-Frodi kontra l-Unjoni Ewropea, il-punt ta' kuntatt Taljan għall-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF).
- Serva fit-Taqsima tal-Kontroll tal-Entitajiet Pubbliċi tal-Qorti tal-Awdituri (minn Mejju 2011 sa Lulju 2013 taħt inkarigu prinċipali u mbagħad f'inkarigu addizzjonali sa Diċembru 2021), aġixxa ukoll bħala koordinatur tal-Grupp ta' Produtturi u Regolaturi ta' Servizzi Ekonomiċi (inkluż ENI S.p.A. u ENEL S.p.A).
- Minn Jannar 2021 sa Mejju 2023, Kontrollur delegat mill-Qorti tal-Awdituri lil "Cassa Depositi e Prestiti" S.p.A, korp ikklassifikat bħala "kumpless ħafna".
- Minn Jannar 2017 sa Diċembru 2020, Kontrollur delegat mill-Qorti tal-Awdituri lil "ENEL" S.p.A, korp ikklassifikat bħala "kumpless ħafna".
- Minn Mejju 2023, qed iservi bħala Koordinatur tal-istruttura tal-missjoni NRRP fil-Presidenza tal-Kunsill tal-Ministri. F'din il-kapaċità, huwa responsabbli għar-relazzjonijiet kontinwi mal-Kummissjoni Ewropea, u speċjalment it-Task Force tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, għall-implimentazzjoni u r-rapportar tal-miżuri previsti fl-NRRP.
- Minn Frar 2023, President tal-Bord tal-Awdituri tal-Awtorità Regolatorja tat-Trasport.
- Minn Marzu 2023, Membru tal-Kummissjoni Teknika għal-limiti baġitarji fil-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Finanzi.
- Fl-2023, Kunsillier Legali tal-Ministru għall-Affarijiet Ewropej, in-Nofsinhar, il-Politiki ta' Koeżjoni u l-NRRP.
- Minn Diċembru 2012, Imħallef tat-Taxxa u minn Settembru 2017 President tal-Awla, u jservi fil-Qorti tat-Taxxa Reġjonali (illum il-Qorti tat-Taxxa tat-Tieni Istanza) għal Molise.
- Minn Lulju 2021, Deputat Prosekutur Federali fil-Federazzjoni Taljana tal-Futbol (FIGC), wara li kien imħallef mill-2007 sa Ġunju 2021, l-ewwel fil-Qorti Federali tal-Ġustizzja u mbagħad mill-Qorti Federali tal-Appell.
- Fl-2022, Membru tal-grupp ta' ħidma għall-istudju u l-analiżi ta' kwistjonijiet relatati mas-servizzi pubbliċi lokali, marbuta mal-objettivi stabbiliti fl-NRRP, li twaqqaf fis-Segretarjat Ġenerali tal-Presidenza tal-Kunsill tal-Ministri.
- Fl-2022, Membru tal-grupp operattiv tekniku, imwaqqaf fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Finanzi, bil-kompitu li jħejji qafas regolatorju għar-riforma tal-ġustizzja fiskali.

- Minn Settembru 2021, President tal-Kumitat Konsultattiv Tekniku, responsabbli biex isolvi tilwim b'rabta mal-kuntratt relatat mal-estensjoni tal-kumpless tal-isptar Sassari.
- Minn Settembru 2021, President tal-Kumitat ta' Sorveljanza għall-proċedura ta' amministrazzjoni straordinarja ta' "Conbipel" S.p.A.
- Minn Jannar 2018 sa Ottubru 2020, Maġistrat Attaché għall-President tal-Qorti tal-Awdituri.
- Minn Ottubru 2016 sa Novembru 2020, Membru tal-Bord tal-Awdituri tal-Kunsill tal-Ġustizzja Amministrattiva, fuq il-ħatra tal-President tal-Qorti tal-Awdituri.
- Minn Lulju 2014 sa Ottubru 2020, Membru tal-Bord tal-Awdituri tal-Kunsill tal-Ġustizzja Fiskali, fuq il-ħatra tal-President tal-Qorti tal-Awdituri.
- Minn Ottubru 2013 sa Settembru 2018, Membru tal-Kunsill tal-Presidenza tal-Qorti tal-Awdituri.
- Minn Mejju 2004 sa Mejju 2009, President tal-Assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Maġistrati tal-Qorti tal-Awdituri; Viċi President minn Ġunju 2001 sa Mejju 2004.
- Minn Ġunju 2013 sa Marzu 2018, Membru tal-Kumitat għal-Leġiżlazzjoni fir-Reġjun ta' Lazio.
- Minn Marzu 2013 sa Diċembru 2016, Kontrollur delegat mill-Qorti tal-Awdituri lis-"Società Italiana per le Imprese all'Estero" S.p.A., korp klassifikat bħala "maġġuri".
- Minn Mejju 2011 sa Marzu 2013, Deputat Kontrollur delegat mill-Qorti tal-Awdituri "Ente Nazionale Assistenza Volo" S.p.A., korp ikklassifikat bħala "kumpless ħafna". Mill-2006 sal-2008, Deputat Kontrollur delegat mill-Qorti tal-Awdituri lill-"Istituto Poligrafico e Zecca dello Stato" S.p.A., wara li ħadem b'mod simili fil-perjodu ta' ħames snin, mill-2001 sal-2006 fl-Awtorità Nazzjonali Taljana tat-Turiżmu.
- Minn Ottubru 2013 sa Jannar 2015, President tal-Bord tal-Awdituri tal-Università ta' Salento.
- Minn Ġunju 2012 sa Settembru 2013, President tal-Bord tal-Awdituri tal-Università ta' Molise.
- Minn Frar sa Awwissu 2013, Membru tal-Kumitat għall-Evalwazzjoni tal-Investimenti u Appoġġ għall-Ippjanar u l-Ġestjoni ta' Interventi Ambjentali fil-Ministeru tal-Ambjent u l-Ħarsien tar-Riżorsi Naturali u l-Baħar. Minn Diċembru 2013 sa Mejju 2014, Membru tal-Kumitat Tekniku u Xjentifiku mwaqqaf fl-AGEA, fejn kien jindirizza ripetutament kwistjonijiet u proġetti ta' finanzjament Ewropew.
- Minn Diċembru 2011 sa April 2013, Kap tal-Uffiċċju Leġiżlattiv tal-Ministru għall-Affarijiet Reġjonali, Turiżmu u Sport.
- Minn Mejju 2008 sa Diċembru 2011, Kap tad-Dipartiment għall-Affarijiet Reġjonali tal-Presidenza tal-Kunsill tal-Ministri.
- Kap tad-Delegazzjoni Taljana għall-Presidenza Żvediża tal-Unjoni Ewropea fil-Laqgħa ta' Livell Għoli dwar il-Governanza u l-UE li saret f'Solna, Stokkolma (l-Iżvezja) f'Ottubru 2009 u Kap tad-Delegazzjoni Taljana għall-Kunsill tal-Ewropa għas-16-il Konferenza tal-Ministri Ewropej li saret f'Utrecht (l-Olanda) f'Novembru 2009. Kap tad-Delegazzjoni Taljana għall-Presidenza Spanjola tal-Unjoni Ewropea fil-Konferenza tal-Ministri tal-Affarijiet Reġjonali li saret f'Malaga (Spanja) f'Marzu 2010.
- Mill-2009 sal-2011, Membru Effettiv tal-Kunsill Superjuri tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

- Minn Marzu 2009 sa Marzu 2012, Membru tal-Kummissjoni Paritarja għall-Implimentazzjoni tar-Regoli għall-Istatut ta' Friuli Venezia Giulia.
- Mill-2009 sal-2010, President tal-Bord tal-Awdituri tal-Awtorità Taljana tal-Muntanji.
- Minn Frar 2007 sa Mejju 2008, Viċi Kap tal-Kabinett tal-Ministru għall-Wirt Kulturali u Attivitajiet. Minn Novembru 2006 sa Mejju 2008, ipprovda parir legali lill-Ministru għall-Kummerċ Internazzjonali fi kwistjonijiet relatati mas-settur finanzjarju u r-relazzjonijiet mal-Unjoni Ewropea.
- Minn Lulju 2001 sa Frar 2007, Konsulent Legali fl-Uffiċċju Leġiżlattiv tal-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Finanzi, kien involut, inter alia, fi kwistjonijiet tal-UE u fil-parteċipazzjoni, u jirrappreżenta lill-Ministeru, f'laqgħat preparatorji tal-Presidenza tal-Kunsill tal-Ministri.
- Minn April 2002 sa April 2006, Kunsillier Legali fil-Presidenza tal-Kunsill tal-Ministri, Dipartiment Nazzjonali għall-koordinazzjoni tal-politika kontra d-droga. Fil-kapaċità tal-aħħar, mill-11 sat-23 ta' Novembru 2003, fuq stedina tal-Gvern tal-Istati Uniti, parteċipazzjoni fil-Programm Internazzjonali tal-Viżitaturi tal-Istati Uniti, organizzat mid-Dipartiment tal-Istat tal-Istati Uniti.

UNURI

- Gran Uffiċjal tal Ordni tal-Mertu tar-Repubblika Taljana.

EDUKAZZJONI U TAĦRIĠ

- Lawrja ta' Master fil-liġi mill-Università ta' Ruma - La Sapienza, summa cum laude.
- Lawrja ta' Master fix-xjenza amministrattiva mill-Università ta' Molise, summa cum laude.
- Speċjalizzazzjoni ta' tliet snin fil-liġi amministrattiva u fix-xjenza amministrattiva fl-Università ta' Napli - Federico II, summa cum laude.
- Dritt li jipprattika ta' avukat.
- Kwalifikat biex jgħallem dixxiplini legali u ekonomiċi fl-iskejjel sekondarji tal-istat.
- Dħul fir-Reġistru tal-Ġurnalisti, lista ta' pubbliċisti.

ATTIVITÀ TA' TAGĦLIM

- Mill-2023, membru tal-kumitat xjentifiku u lettur fil-lawrja ta' master tat-tieni livell fil-"Legislation and Litigation of Public Works" fl-Università e-Campus.
- Fl-2011, 2014, 2019 u 2022, lettur fil-kors tal-Qorti tal-Awdituri għal maġistrati maħtura ġodda.
- Mill-2005, lettur fil-liġi amministrattiva u l-kontabilità statali, korpi pubbliċi u intrapriżi fl-Iskola ta' Speċjalizzazzjoni għall-Professjonijiet Legali fil-Fakultà tal-Liġi tal-Università ta' Molise.
- Ipparteċipa, ukoll bħala rapporteur, fil-Konferenza organizzata mill-Kunsill tal-Presidenza fit-2 u t-3 ta' Lulju 2014 dwar: "*Politiki kontra l-korruzzjoni: ir-rwol tal-Qorti tal-Awdituri bejn il-prevenzjoni u r-repressjoni*".
- Rapporteur f'bosta seminars u laqgħat ta' studju organizzati mill-Akkademja tal-Qorti tal-Awdituri.

- Fl-2013, lettur fil-kors monografiku "*It-trasformazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika f'manuvri finanzjarji riċenti. Mir-Rieżami tal-Infiq sal-liġijiet għat*-tkabbir *u l-istabbiltà tal-pajjiż*" tal-Iskola ta' Speċjalizzazzjoni fl-Istudji dwar l-Amministrazzjoni Pubblika – SP.I.S.A. fl-Università ta' Bologna.
- Fl-2013, lettur fil-kors "*Maniġer Uniku tal-Proċedura tal-Akkwist tax-Xogħlijiet Pubbliċi*" fl-Università ta' Molise.
- Fl-2013, kif ukoll mill-2002 sal-2007, lettur fil-kontabilità pubblika fl-Istitut Reġjonali tal-Istudji Legali ta' Lazio "Arturo Carlo Jemolo".
- Mill-2010 sa Novembru 2011, lettur kontinwu fl-Iskola tal-Amministrazzjoni Pubblika.
- Mill-2009 sal-2011, lettur fil-kors "*Gvern Lokali u l-Unjoni Ewropea*" fl-Università ta' Ruma 3, Dipartiment tal-Istituzzjonijiet Pubbliċi, l-Ekonomija u s-Soċjetà.
- Fl-2010, lettur fis-seminar dwar il-manuvra ekonomika fl-Università ta' La Sapienza f'Ruma, organizzat mill-Konsorzju Inter-Universitarju dwar it-Taħriġ.
- Mill-2005 sal-2008, lettur fl-Iskola tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Finanzi u fl-Iskola tal-Amministrazzjoni Pubblika f'korsijiet ta' taħriġ u aġġornament għall-uffiċjali pubbliċi. Ukoll, lettur fil-Masters u Seminars fl-Iskola tal-Amministrazzjoni Pubblika u Awtoritajiet Lokali.
- Rapporteur f'diversi konferenzi dwar il-liġi amministrattiva, il-liġi tal-awtoritajiet lokali, il-liġi finanzjarja u fiskali, il-kontabilità għall-istat u l-korpi pubbliċi, u dwar ir-riforma tal-ġudikatura. B'mod partikolari: rapporteur fit-"*Tieni Reviżjoni tal-Liġi Pubblika tal-Ekonomija*" (Varese, mill-24 sas-26 ta' Mejju 2018), ir-rapport "*Il-Qorti tal-Awdituri, Garanziji ta' Awtonomija fl-Istati Unitarji*" (Trento, is-26 ta' Lulju 2019, fil-konferenza "Ir-Repubblika tal-Awtonomija: responsabbiltà, garanziji, kontrolli u ġurisdizzjoni' għall-20 anniversarju tar-regoli ta' implimentazzjoni tal-Istatut dwar il-Qorti tal-Awdituri), ir-rapport "*Innovazzjoni fi sħubija pubblika-privata u kooperazzjoni bejn amministrazzjonijiet pubbliċi*" (il-konferenza "Etika u Finanzi Pubbliċi: implimentazzjoni tal-NRRP u l-benessri għaċ-ċittadini' organizzata mill-Qorti tal-Awdituri u l-Università "Alma Mater Studiorum" ta' Bolonja fid-19-20 ta' Novembru 2022), u r-rapport "*Il-Prosekuturi tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku fil-Qorti tal-Awdituri għall-identifikazzjoni tar-responsabbiltà amministrattiva fil-Pjan Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza*" (id-9 ta' Novembru 2022, fil-kuntest tal-Laqgħa ta' Studju dwar "Ir-responsabbiltà għal ħsara finanzjarja bejn il-protezzjoni tal-assi pubbliċi u l-aċċelerazzjoni tal-investiment" organizzata mill-Presidenza tal-Qorti tal-Awdituri).
- Fl-2004 u l-2005, rapporteur fil-laqgħat ta' studju organizzati mill-Kunsill Superjuri tal-Ġudikatura, kif ukoll iħarreġ lill-imħallfin ordinarji fil-Qorti tal-Appell ta' Campobasso.

PUBBLIKAZZJONIJIET

- Awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet u kkollabora ma' diversi ġurnali legali, fosthom ir-"Review of the Court of Auditors", kif ukoll: "Il Foro Amministrativo", "Nuova Rassegna", "Guida agli Enti Locali – Il Sole 24 Ore", "Nuove Autonomie", "Rivista Trimestrale della Scuola di Perfezionamento per le Forze di Polizia", "Giust.it", "Newsletter UPI" u "Controllo e Giurisdizione".
- B'mod partikolari matul l-aħħar snin, ġew ippubblikati l-artikli li ġejjin:

— *"L-attivitajiet investigattivi tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku fil-Kodiċi tal-Ġustizzja tal-Kontabilità u l-Korettiva tiegħu"*, fit-Triennial Review of the Training School for Police Forces, Nru 1 tal-2020, pp. 7-20;
— *"Innovazzjoni fis-sħubija pubblika-privata u l-kollaborazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi"*, fir-Review of the Court of Auditors, Nru 3 tal-2021, pp. 39-41;
— *"L-għoti ta' dmirijiet esterni lill-amministrazzjoni pubblika fid-dawl tal-ġurisprudenza kostituzzjonali l-aktar reċenti"*, fir-Review of the Court of Auditors, Nru 2 tal-2022, pp. 37-52;
— *"In-nefqa fuq persunal reġjonali għal żmien fiss u spejjeż tal-persunal tal-gruppi tal-Kunsill: restrizzjoni doppja stabbilita mill-Qorti Kostituzzjonali"*, fir-Review of the Court of Auditors, Nru 3 tal-2022, pp. 12-18;
— *"L-(in)reviżjoni tad-deċiżjonijiet tal-kunsilli reġjonali fid-dawl tal-ġurisprudenza kostituzzjonali l-aktar reċenti"*, fir-Review of the Court of Auditors, Nru 4 tal-2022, pp. 28-36;
— *"Invalidità tal-pensjonijiet tal-kunsilliera reġjonali: negħlbu tabù"*,fir-Review of the Court of Auditors, Nru 5 tal-2022, pp. 55-76;
— *"Il-kristallizzazzjoni tas-sekwestri ta' kreditu fil-kors tal-proċedimenti ta' falliment tal-awtoritajiet lokali fid-dawl tal-ġurisprudenza kostituzzjonali l-aktar reċenti"*, fir-Review of the Court of Auditors, Nru 6 tal-2022, pp. 1-14;
— *"Ir-rwol tal-parti terza fi proċedimenti ta' responsabbiltà amministrattiva: kwistjoni li reġgħet infetħet mill-Qorti Kostituzzjonali?'*, fir-Review of the Court of Auditors, Nru 1 tal-2023, pp. 44-60;
— *"Is-sitwazzjoni finanzjarja prekarja tal-provinċji u n-natura mhux ordinarja tal-leġiżlazzjoni rilevanti fid-dawl tal-ġurisprudenza kostituzzjonali l-aktar reċenti"*, fir-Review of the Court of Auditors, Nru 3 tal-2023, pp. 1-24.

- F'Lulju 1995, ippubblika l-volum bit-titolu "*Lealtà u ubbidjenza fis-servizz ċivili*" (paġni 156). F'Mejju 2009, ikkoordina l-pubblikazzjoni tal-volum intitolat "*Il-ġurisprudenza kostituzzjonali fir-relazzjonijiet bejn l-Istat u r-Reġjun wara appelli tal-Istat*" (paġna 429).

INFORMAZZJONI ULTERJURI

- Fl-1997 kien ġie t-tieni fil-klassifika tal-kompetizzjoni pubblika, ibbażata fuq eżamijiet bil-miktub u orali, għal 28 kariga tar-rwol ta' Kunsilliera tal-Presidenza tal-Kunsill tal-Ministri.
- Qabel daħal fil-ġudikatura tal-Qorti tal-Awdituri, mill-1990 sal-1997 kien membru tal-Pulizija tal-Istat u okkupa diversi karigi maniġerjali fi ħdan id-Dipartiment tas-Sigurtà Pubblika tal-Ministeru tal-Intern, fosthom dawk ta' Kap tad-Diviżjoni, Kap tal-Iskwadra Mobbli u Kap tal-Kabinett tal-Kwestur fil-Kwartieri Ġenerali Reġjonali.

ANNESS 2: TWEĠIBIET TA' CARLO ALBERTO MANFREDI SELVAGGI GĦALL-KWESTJONARJU

Esperjenza professjonali

1. **Jekk jogħġbok elenka l-esperjenza professjonali tiegħek fil-finanzi pubbliċi, sew jekk hija fl-ippjanar baġitarju, fl-implimentazzjoni jew fil-ġestjoni tal-baġit, jew fil-kontroll jew l-awditjar tal-baġit.**

Tweġiba:

L-esperjenza professjonali tiegħi tkopri dwawn l-oqsma kollha. F'aktar dettall:

Għandi **27 sena esperjenza fil-kontroll tal-baġit u fl-awditjar:**

Ilni maġistrat tal-Qorti tal-Awdituri Taljana mill-1997, magħżul permezz ta' kompetizzjoni nazzjonali bbażata fuq mertu selettiv ħafna.

Ilħaqt il-livell ta' tmexxija għolja ta' President tal-Kamra u Kap Reġjonali tal-Prosekutur Pubbliku. Kont immexxi l-Uffiċċji Reġjonali tal-Prosekuturi Pubbliċi għar-reġjun ta' Molise (mill-2013 sal-2016 u fl-2023), għar-reġjun ta' Emilia-Romagna (mill-2016 sal-2021) u għar-reġjun ta' Apulia (mill-2021 sal-2023).

Fir-rwol tagħha minqux kostituzzjonalment ta' kontrollur tal-baġit tas-settur pubbliku u rapporteur għall-Parlament, il-Qorti Taljana tal-Awdituri fdatni, bħala kontrollur delegat, bil-kontroll tal-baġit tal-aktar korpi u entitajiet kumplessi, inklużi:

- "Cassa Depositi e Prestiti S.p.A.", mill-2021 sal-2023, il-kumpanija azzjonarja tal-akbar grupp ta' investiment azzjonarju tal-Italja b'karta bilanċjali konsolidata ta' EUR 478 biljun;

- "ENEL S.p.A.", mill-2017 sal-2020, l-akbar kumpanija Taljana tal-enerġija u attur fis-suq globali, ikkwotata fil-Borża ta' Milan, b'32,000+ impjegat u karta bilanċjali konsolidata ta' EUR 206 biljun;

- Is-"Società Italiana per le Imprese all'Estero S.p.A. - SIMEST", mill-2013 sal-2016, kumpanija tal-istat li tipprovdi servizzi biex tippromwovi u tappoġġja ditti Taljani bbażati barra mill-pajjiż.

Mill-2011 sal-2013, kont il-Koordinatur tal-Qorti għar-rapport tal-kontroll tal-baġit lill-Parlament dwar il-Grupp Nazzjonali ta' Produtturi u Regolaturi ta' Servizzi Ekonomiċi, li kien jinkludi "ENI S.p.A.", l-akbar kumpanija taż-żejt Taljana u attur fis-suq globali, ikkwotata fuq il-Borża ta' Milan, bi qrib 32,000 impjegat u karta bilanċjali konsolidata ta' EUR 137 biljun.

Servejt bħala President tal-Bord tal-Awdituri għal:

- L-Awtorità Regolatorja għat-Trasport, mill-2023;
- L-Università ta' Salento, 2013-2015;
- L-Università ta' Molise, 2012-2013;
- L-Awtorità Nazzjonali għall-Muniċipalitajiet tal-Muntanji, 2009-2010

Servejt bħala Membru tal-Bord tal-Awdituri għal:

- Il-Kunsill tal-Ġustizzja Amministrattiva, 2016-2020, maħtur mill-President tal-Qorti tal-Awdituri;

- Il-Kunsill tal-Ġustizzja Fiskali, 2014-2020, maħtur mill-President tal-Qorti tal-Awdituri.

Fir-rigward tal-***esperjenza*** tiegħi ***fl-ippjanar baġitarju:***

Ilni nservi bħala Membru tal-Kummissjoni Teknika mill-2023 għal-limiti baġitarji fil-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Finanzi, inkarigat mill-analiżi u l-evalwazzjoni tal-attivitajiet, il-metodoloġiji u l-proċessi relatati mad-determinazzjoni tal-ħtiġijiet baġitarji standard tal-awtoritajiet lokali.

Fl-2013, servejt bħala Membru tal-Kumitat għall-Evalwazzjoni tal-Investimenti u l-Ippjanar u l-Ġestjoni ta' Interventi Ambjentali fil-Ministeru tal-Ambjent.

Mill-2009 sal-2011, kont Membru tal-Kunsill Superjuri tax-Xogħlijiet Pubbliċi, inkarigat mill-ippjanar baġitarju dwar il-bini ta' infrastrutturi nazzjonali ewlenin.

Rigward l-***esperjenza*** tiegħi ***fl-implimentazzjoni jew il-ġestjoni tal-baġit:***

Ilni l-President tal-Kumitat ta' Sorveljanza mill-2021 għall-proċedura ta' intervent temporanju bikri u ta' rkupru tal-ġestjoni fir-rigward ta' "Conbipel S.p.A.", inkarigat mis-superviżjoni tal-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-baġit ta' EUR 87 miljun tal-kumpanija tal-manifattura, imwettqa mill-amministratur temporanju maħtur mit-tribunal.

Fl-2013, servejt bħala Membru tal-Kumitat Tekniku u Xjentifiku tal-Aġenzija governattiva nazzjonali għall-Agrikoltura "AGEA", inkarigat mill-appoġġ tal-ġestjoni eżekuttiva tal-Aġenzija biex tiżgura r-regolarità u l-effiċjenza fl-użu u l-allokazzjoni tal-fondi, inklużi Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE).

2. X'inhuma l-aktar kisbiet sinifikanti li kellek matul il-karriera professjonali tiegħek?

Tweġiba:

Fl-1997, sirt l-iżgħar maġistrat tal-Qorti tal-Awdituri tal-Italja, magħżul permezz ta' kompetizzjoni selettiva ħafna bbażata fuq il-mertu nazzjonali.

Fl-2013 ġejt promoss, permezz ta' kompetizzjoni rigoruża bbażata fuq il-mertu fost il-maġistrati tal-Qorti, għal-livell ta' tmexxija għolja ta' Kap Prosekutur Pubbliku Reġjonali u mbagħad, fl-2021, għal dak ta' President tal-Awla (sirt l-iżgħar President tal-Awla tal-Qorti tal-Awdituri tal-Italja). Tali promozzjonijiet ġew deċiżi mill-Kunsill tal-Presidenza tal-Qorti tal-Awdituri, il-korp governattiv tagħha, fdat bil-liġi bil-kompetenza li jiddeċiedi dwar il-promozzjonijiet u l-inkarigi tal-maġistrati, biex jiggarantixxu li jkunu bbażati fuq il-mertu u protetti minn kull indħil tal-gvern.

Ilni l-Koordinatur tal-Istruttura tal-Missjoni tal-Presidenza tal-Kunsill tal-Ministri minn Mejju 2023, inkarigat mill-koordinazzjoni u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni

tal-Pjan Nazzjonali Taljan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (NRRP) ta' EUR 194 biljun. F'din il-kapaċità, jien ukoll responsabbli għar-relazzjonijiet mal-Kummissjoni Ewropea, inkluži dawk mat-Task Force RECOVER u d-DĠ ECFIN, dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti mill-NRRP, kif ukoll għar-rapportar inerenti lill-Kummissjoni tal-UE. F'dan ir-rigward, jien kburi ngħid li taħt il-mandat tiegħi t-twettiq tal-objettivi u l-miri ambizzjuži stabbiliti mill-pjan ġie vvalutat b'mod pożittiv u rikonoxxut darbtejn mill-Kummissjoni Ewropea u sussegwentement ġie approvat l-iżborż tal-fondi relatati tal-UE.

3. X'kienet l-esperjenza professjonali tiegħek ta' organizzazzjonijiet jew istituzzjonijiet multikulturali u multilingwistiċi internazzjonali bbażati barra minn pajjiżek?

Tweġiba:

Matul il-karriera tiegħi fil-Qorti tal-Awdituri Taljana dejjem kont involut fid-dimensjoni internazzjonali u multikulturali tal-ħidma tagħna u rrappreżentajt l-istituzzjoni internazzjonalment. Ilni naħdem mill-qrib mas-sħab Ewropej u internazzjonali tagħna, bħal, pereżempju, inservi bħala l-persuna ta' kuntatt għall-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) kif ukoll bħala membru tal-kumitat fejn inservi bħala punt ta' kuntatt nazzjonali għall-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF). Fl-2020 u l-2021, ħadt sehem fil-proġett C.A.T.O.N.E. (Ftehimiet ta' Kooperazzjoni u Taħriġ dwar Għanijiet u Esperjenzi Ġodda), maħluq mill-OLAF u mmirat għal skambju ta' informazzjoni bejn l-uffiċċji nazzjonali ta' koordinazzjoni kontra l-frodi u l-maġistrati tal-Qorti tal-Awdituri tal-Italja, il-Portugall, Spanja, Franza, u l-Greċja.

L-aktar reċentement, mill-2023, ilni naħdem mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea, speċjalment it-Task Force RECOVER u d-DĠ ECFIN, fuq l-implimentazzjoni tal-Pjan Nazzjonali Taljan għall-Irkupru u r-Reżiljenza fir-rwol tiegħi bħala koordinatur għall-uffiċċju tal-gvern li jissorvelja l-implimentazzjoni tiegħu.

Mill-2017 sal-2020, bħala kontrollur delegat ta' ENEL, kelli relazzjoni ma' u kkontrollajt fuq il-post is-sussidjarji barranin tagħha, bħal Enel America jew Endesa fi Spanja.

Fl-2013 u l-2014, servejt bħala Membru tal-Kumitat għall-Evalwazzjoni tal-Investimenti u Appoġġ għall-Ippjanar fi ħdan il-Ministeru tal-Ambjent u Membru tal-Kumitat Tekniku u Xjentifiku tal-Aġenzija governattiva nazzjonali għall-Agrikoltura, fejn indirizzajt kwistjonijiet ta' proġetti ffinanzjati mill-UE għall-protezzjoni ambjentali.

Fl-2009 servejt bħala l-Kap tad-Delegazzjoni Taljana għall-Presidenza Żvediża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fil-Laqgħa ta' Livell Għoli dwar il-Governanza u l-UE li saret f'Solna, Stokkolma (l-Iżvezja), kif ukoll bħala l-Kap tad-Delegazzjoni Taljana għall-Kunsill tal-Ewropa għas-16-il Konferenza tal-Ministri Ewropej li saret f'Utrecht (in-Netherlands). Is-sena ta' wara servejt bħala Kap tad-Delegazzjoni Taljana għall-Presidenza Spanjola tal-UE fil-konferenza tal-Ministri tal-Affarijiet Reġjonali li saret f'Malaga (Spanja).

4. Ingħatajt kwittanza għad-dmirijiet ta' ġestjoni li kont twettaq qabel, jekk

tapplika proċedura bħal din?

Tweġiba:

L-ebda tali proċedura ta' kwittanza qatt kienet applikabbli għal xi dmir ta' ġestjoni li wettaqt bħala impjegat taċ-ċivil, u qatt ma rċevejt xi oġġezzjoni jew ilment fuq il-prestazzjoni tiegħi.

5. **Liema mill-karigi professjonali preċedenti tiegħek kienu r-riżultat ta' nomina politika?**

Tweġiba:

L-ebda. Wara l-istudji akkademiċi tiegħi, dħalt fiċ-ċivil fl-1990 naħdem għall-pulizija tal-Istat. Wara li rbaħt kompetizzjoni nazzjonali, ibbażata fuq il-mertu, selettiva ħafna, ingħaqadt mal-Qorti tal-Awdituri Taljana fl-1997 bħala maġistrat. Ilni impjegat taċ-ċivil f'din l-istituzzjoni minn dakinhar, u lħaqt il-pożizzjoni ta' livell ta' tmexxija għolja ta' President tal-Kamra u Kap Prosekutur Pubbliku Reġjonali, biss permezz ta' promozzjonijiet ibbażati fuq il-mertu. Bħala maġistrat tal-Qorti tal-Awdituri, u b'hekk bħala parti mill-fergħa ġudizzjarja, l-indipendenza tiegħi mill-gvern eżekuttiv hija garantita mill-Kostituzzjoni tar-Repubblika Taljana.

Matul ir-rekord tiegħi ta' 27 sena ta' servizz fil-Qorti tal-Awdituri Taljana, bħala maġistrat ta' grad għoli tal-Qorti tal-Awdituri, lettur u awtur ta' bosta pubblikazzjonijiet xjentifiċi fil-liġi tal-UE u nazzjonali dwar il-kontroll tal-baġit u l-kontabilità u l-amministrazzjoni pubblika, kif iddettaljat fis-CV tiegħi, ġejt mitlub f'okkażjonijiet differenti minn gvernijiet u ministeri biex nagħti temporanjament il-kompetenza u l-esperjenza tiegħi. Dawn l-inkarigi temporanji ġew deċiżi mill-Presidenza tal-Qorti tal-Awdituri Taljana u ġieli soġġetti għal stakkament filwaqt li żammejt ir-rwol tiegħi bħala maġistrat fl-istituzzjoni.

Inkarigi temporanji bħal dawn jinkludu, pereżempju, minn Mejju 2023, ir-rwol ta' koordinatur għall-uffiċċju tal-gvern inkarigat mis-sorveljanza tal-Pjan Nazzjonali Taljan għall-Irkupru u r-Reżiljenza, wara l-parteċipazzjoni tiegħi fil-grupp ta' ħidma dwar il-valutazzjoni tal-impatt fuq l-amministrazzjoni pubblika tal-NRRP fl-2022 mas-Segretarjat Ġenerali tal-gvern preċedenti.

6. **X'inhuma t-tliet deċiżjonijiet l-aktar importanti li kont parti minnhom fil-ħajja professjonali tiegħek?**

Tweġiba:

Nixtieq infakkar u nipprovdi t-tliet każijiet li ġejjin ta' deċiżjonijiet ta' sfida u importanti li ltqajt magħhom u li ħadt sehem fihom fil-ħajja professjonali tiegħi:

L-ewwel nett, waqt li kont membru tal-Kunsill tal-Presidenza tal-Qorti tal-Awdituri, l-akbar deċiżjoni kerha u diffiċli kienet it-tkeċċija ta' maġistrat ħati ta' korruzzjoni.

It-tieni nett, daqstant diffiċli, u ta' natura kumplessa, waqt li kont Kap Prosekutur Pubbliku Reġjonali tal-Qorti tal-Awdituri, id-deċiżjoni ta' miżuri ta' sekwestru ta' assi privati li jammontaw għal aktar minn 15-il miljun EUR kontra l-"Parmacotto S.p.A."

kumpanija, wieħed mill-akbar fornituri Taljani tal-ikel attivi fis-suq globali, u d-diretturi tagħha, peress li nżammu responsabbli għall-frodi.

Fl-aħħar nett, ikkontribwejt għal deċiżjoni innovattiva tal-Qorti Kostituzzjonali Taljana: Waqt li kont Kap Prosekutur Pubbliku Reġjonali tal-Qorti tal-Awdituri, persuni ta' interess politikament esposti fir-Reġjun ta' Emilia-Romagna ġew akkużati b'dannu fit-teżor u invokaw l-immunità kostituzzjonali biex jevadu l-prosekuzzjoni. Fid-deċiżjoni tagħha Nru. 43 tal-2019, il-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet favur tiegħi bħala prosekutur, li, għall-ewwel darba, maġistrat tal-Qorti tal-Awdituri (f'dan il-każ jien), ikollu d-dritt li jattendi u jintervjeni f'seduta tal-Qorti Kostituzzjonali biex jippreżenta l-każ tiegħu u jipproċedi kontra l-akkuża tiegħu.

Indipendenza

7. **It-Trattat jistipula li l-Membri tal-Qorti tal-Awdituri jridu jkunu "kompletament indipendenti" fil-qadi ta' dmirijiethom. Kieku inti kif twettaq dan l-obbligu fil-qadi tad-dmirijiet prospettivi tiegħek?**

Tweġiba:

L-indipendenza sħiħa hija prinċipju li mhux biss huwa minqux mit-Trattat għall-Membri tal-Qorti tal-Awdituri iżda huwa standard professjonali universali applikabbli għall-awditur. Kif, pereżempju, standard professjonali wieħed (PCAOB AS 1005) jgħid: "Biex ikun indipendenti, l-awditur irid ikun intellettwalment onest; biex ikun rikonoxxut bħala indipendenti, irid ikun ħieles minn kull obbligu jew interess fil-klijent, il-maniġment tiegħu, jew is-sidien tiegħu." Nixtieq nissottolinja l-importanza tad-distinzjoni bejn "li tkun" u "li tkun rikonoxxuta" bħala indipendenti.

Huwa kruċjali għall-pubbliku, inklużi l-partijiet interessati bħall-Membri ta' dan il-Kumitat, li jżommu l-fiduċja f'din l-indipendenza sħiħa. Il-fiduċja tal-pubbliku tista' tiġi mfixkla mhux biss minn evidenza attwali li l-indipendenza kienet nieqsa, iżda tista' tkun diġà mtappna mill-eżistenza ta' ċirkostanzi li n-nies setgħu jemmnu li jinfluwenzaw din l-indipendenza.

Li nkun kompletament indipendenti fil-qadi tad-dmirijiet tiegħi kien il-valur ewlieni professjonali tiegħi tul il-ħajja professjonali tiegħi. Jien kont awditur fl-istituzzjoni suprema tal-awditjar Taljana għal aktar minn kwart ta' seklu. Bħala maġistrat tal-Qorti tal-Awdituri, jien marbut għall-indipendenza bl-Artikolu 108 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Taljana, u dejjem aġixxejt b'konformità ma' dan id-dmir kostituzzjonali. Fl-ebda mument tal-karriera tiegħi qatt ma ħallejt xi ċirkostanza titfa' lanqas l-iċken dubju fuq l-integrità u l-indipendenza professjonali tiegħi. Jiena nsostni u niżgura bl-aktar mod rigoruż li l-indipendenza tiegħi bħala awditur ma tkunx biss ħielsa minn kull influwenza, iżda ħielsa minn kwalunkwe ċirkostanza li tista' tiġi pperċepita bħala influwenza.

Bħala Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri naturalment se nkompli nżomm l-istess standards għoljin ta' etika professjonali u integrità kif għamilt tul il-karriera tiegħi bħala awditur. Din id-dedikazzjoni għall-integrità u l-indipendenza professjonali hija bbażata fuq 27 sena ta' esperjenza professjonali rilevanti mwettqa taħt indipendenza kostituzzjonalment garantita, u f'konformità sħiħa mad-dmir ta' indipendenza stabbilit mit-Trattat tal-UE.

8. Inti jew qraba stretti tiegħek (ġenituri, aħwa, sieħeb/sieħba legali u wlied) għandek jew għandhom xi azjendi tan-negozju jew finanzjarji, jew xi impenji oħra, li jistgħu jidħlu f'kunflitt mad-dmirijiet prospettivi tiegħek?

Tweġiba:

Le. La jiena u lanqas il-qraba viċini tiegħi ma għandna azjendi tan-negozju jew finanzjarji jew xi impenji li jistgħu jkunu f'kunflitt mad-dmirijiet previsti tiegħi.

9. Lest tiżvela l-interessi finanzjarji tiegħek kollha u impenji oħra lill-President tal-Qorti, u li tagħmilhom pubbliċi?

Tweġiba:

Iva. Jien lest li niżvela l-informazzjoni rilevanti kollha f'dan ir-rigward u nipprovdi dikjarazzjoni ta' interess li għandha tiġi ppubblikata, f'konformità sħiħa mal-Kodiċi ta' Kondotta tal-QEA għall-membri tagħha u l-linji gwida etiċi tagħha.

10. Inti involut f'xi proċedimenti legali attwali? Jekk iva, jekk jogħġbok agħtina d-dettalji.

Tweġiba:

Le. Miniex involut u qatt ma kont involut f'xi proċediment ġudizzjarju.

11. Għandek xi rwol attiv jew eżekuttiv fil-politika, jekk iva, f'liema livell? Okkupajt xi kariga politika f'dawn l-aħħar 18-il xahar? Jekk iva, jekk jogħġbok agħtina d-dettalji.

Tweġiba:

Le. Tul il-ħajja professjonali tiegħi, jien astjenejt milli nwettaq kwalunkwe attività politika. Miniex membru ta' partit politiku; lanqas ma nfittex li nimpenja ruħi f'tali attività fil-futur.

Is-servizz pubbliku kollu li wettaqt matul il-karriera professjonali tiegħi kien ibbażat biss fuq il-kompetenza tiegħi bħala maġistrat ta' grad għoli u esperjenza tal-Qorti tal-Awdituri Taljana.

12. Se tirtira minn kwalunkwe kariga li ġejt elett fiha jew titlaq kull funzjoni attiva b'responsabbiltajiet f'partit politiku jekk tinħatar Membru tal-Qorti?

Tweġiba:

Qatt ma kelli u lanqas ma għandi kariga eletta jew kariga politika ta' partit. Fl-ispirtu ta' indipendenza sħiħa fid-dmirijiet tiegħi, se nkompli fit-triq tiegħi li nastjeni minn kull attività politika.

13. Kif tittratta irregolarità serja jew saħansitra każ ta' frodi u/jew korruzzjoni li jinvolvi persuni fl-Istat Membru ta' oriġini tiegħek?

Tweġiba:

Nixtieq nintroduċi din it-tweġiba billi nfakkar mill-kurrikulu tiegħi, li matul l-aħħar ftit snin kont il-persuna ta' kuntatt għall-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) fil-qasam tal-ġlieda kontra l-frodi kontra l-Unjoni Ewropea, wara esperjenza preċedenti bħala membru tal-Kumitat għall-Ġlieda kontra l-Frodi kontra l-Unjoni Ewropea, il-punt ta' kuntatt Taljan għall-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF). Ibbażat fuq dawn l-esperjenzi żviluppajt sens qawwi tal-kwistjonijiet in kwistjoni hawhekk.

Jekk jien, fil-kors tad-dmirijiet prospettivi tiegħi, niltaqa' ma' sitwazzjoni ta' allegazzjoni serja, bħal irregolarità kbira, frodi jew korruzzjoni, nittrattaha bl-istess mod li ttrattajt tali sitwazzjonijiet fis-27 sena bħala maġistrat tal-Qorti tal-Awdituri Taljana: Bi professjonalità indisputabbli, f'konformità sħiħa mar-regoli u l-leġiżlazzjoni applikabbli kollha, u assolutament irrispettivament mill-oriġini jew l-isfond tal-persuni involuti.

Qadi tad-dmirijiet

14. X'għandhom ikunu l-karatteristiċi ewlenin ta' kultura ta' ġestjoni finanzjarja tajba fi kwalunkwe servizz pubbliku? Kif tista' l-QEA tgħin biex issaħħaħha?

Tweġiba:

Huwa ta' importanza ewlenija li nifhmu dak li nistgħu niddefinixxu bħala ġestjoni finanzjarja soda. Għall-fini tat-tweġiba tiegħi hawnhekk, nixtieq infakkar fl-Artikolu 33 tar-Regolament Finanzjarju tal-UE: "Prestazzjoni u prinċipji tal-ekonomija, l-effiċjenza u l-effikaċja". Dawn it-tliet prinċipji ta' gwida, ġeneralment imsejħa t-3E tal-ġestjoni finanzjarja, iridu jiggwidaw is-servizz pubbliku fl-azzjoni kollha tiegħu u l-infiq kollu tal-flus taċ-ċittadini. Kull nefqa tal-gvern, kull azzjoni finanzjarja trid tiflaħ it-test litmus kontra dawn it-tliet prinċipji ġenerali. F'kultura b'saħħitha ta' ġestjoni finanzjarja tajba, l-azzjoni tal-baġit trid kontinwament tistaqsi lilha nnifisha: Qed nagħmlu l-affarijiet it-tajbin (effettività)? U: Qed nagħmlu l-affarijiet sewwa (effiċjenza u ekonomija)?

Il-Qorti tal-Awdituri, kif ukoll il-kontropartijiet nazzjonali fl-istituzzjonijiet supremi tal-awditjar, jikkontribwixxu għal din il-kultura tat-3E billi jifformulaw mistoqsijiet tal-awditjar li huma bbażati fuq dawn il-prinċipji. Filwaqt li l-awditjar tal-prestazzjoni jista' jitqies bħala l-aktar olistiku, fl-indirizzar tat-tliet prinċipji, l-awditjar finanzjarju u ta' konformità jkopri aktar aspetti individwali ta' ġestjoni finanzjarja soda, bħal-Legalità u r-Regolarità.

Il-Qorti tal-Awdituri tagħmel u jenħtieġ li tkompli tinforza u ssaħħaħ ġestjoni finanzjarja soda fl-istituzzjonijiet tal-UE u, b'mod aktar wiesa', kull fejn jintefqu l-fondi tal-UE. Tista' tikseb dan billi kontinwament tistaqsi mistoqsijiet b'saħħithom tal-awditjar ibbażati fuq it-3E biex tfakkar lill-livelli kollha tal-baġit u n-nefqa pubblika fl-obbligu tagħhom li jaderixxu ma' dawn il-prinċipji.

Bil-ħsieb tal-awditjar tal-prestazzjoni, u biex tkun ta' impatt fil-promozzjoni ta' ġestjoni finanzjarja soda, huwa fundamentali għall-QEA li tikkonverti tali mistoqsijiet tal-awditjar b'saħħithom, permezz tal-ġbir ta' evidenza tal-awditjar rilevanti u affidabbli, f'rakkomandazzjonijiet azzjonabbli. Biex iżidu valur reali, dawn ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jindirizzaw kwistjonijiet tassew rilevanti u jkunu

vijabbli f'termini tal-proporzjon kostijiet-benefiċċji.

15. Skont it-Trattat, il-Qorti għandha l-obbligu li tassisti lill-Parlament huwa u jeżerċita s-setgħat tiegħu ta' kontroll fuq l-implimentazzjoni tal-baġit. Kieku inti kif tkompli ttejjeb il-kooperazzjoni bejn il-Qorti u l-Parlament Ewropew (b'mod partikolari, il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tiegħu) biex issaħħaħ sew is-sorveljanza pubblika fuq l-infiq ġenerali kif ukoll il-kosteffettività ta' dak l-infiq?

Tweġiba:

Bħalissa m'għandix għarfien operattiv suffiċjenti dwar il-kooperazzjoni bejn dan il-Kumitat u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri u għalhekk nemmen li jkun preżuntuż li nħalli lili nnifsi nissuġġerixxi titjib għaliha. Bħala l-maġistrat ta' esperjenza li jien, madankollu, infittex u nislet tweġibiet mil-liġi, u għalhekk hawnhekk nixtieq infakkar l-Artikolu 287 tat-TFUE, il-bażi legali u l-mandat tal-Qorti.

L-iktar xafra li taqta' tal-Kumitat tal-Kontrolli tal-Baġit hija l-proċedura ta' kwittanza annwali, u hija marbuta mar-rapport annwali u l-obbligu tal-QEA li tipprovdi lill-Parlament b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni. Għalhekk, meta naħseb dwar "sorveljanza pubblika tal-infiq ġenerali", fil-fehma tiegħi din hija marbuta b'mod ċar mad-dmir ewlieni tal-QEA bħala awditur tal-baġit tal-UE, jiġifieri, li tipprovdi assigurazzjoni lill-partijiet ikkonċernati tagħha u lill-pubbliku dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti. Abbażi ta' informazzjoni bħal din, dan il-Kumitat ikun jista' jfassal il-proċedura ta' kwittanza u l-opinjoni tiegħu, għalhekk il-kwalità tar-rapport annwali tal-QEA trid tkun impekkabbli u trid tipprovdi lill-Parlament, u b'mod partikolari lil dan il-Kumitat, bl-informazzjoni li għandu bżonn biex jeżerċita s-setgħa tiegħu billi jibbaża fuq evidenza tal-awditjar xierqa, jiġifieri, rilevanti, u affidabbli, u konklużjonijiet tal-awditjar indipendenti u fattwali.

Il-kontroll tal-aspett ta' "valur għall-flus" fil-fehma tiegħi huwa marbut ma' rapporti speċjali bbażati fuq verifika tal-prestazzjoni li l-QEA tista' tipprovdi wkoll. Hawnhekk se jkun essenzjali għall-QEA li ttejjeb u tiffaċilita l-komunikazzjoni u l-iskambju ma' dan il-Kumitat. Fl-ippjanar tal-awditjar tagħha, il-Qorti jenħtieġ li regolarment tfittex l-iskambju mal-Parlament biex tistabbilixxi, pereżempju, programm ta' ħidma miftiehem, temi oġġettivi ġenerali ta' interess, u fluss kontinwu ta' informazzjoni li jippermetti lill-Kumitat jimmonitorja kontinwament l-impatt u l-valur li jinħoloq permezz tal-baġit tal-UE u titlob azzjoni korrettiva fejn meħtieġ.

Sorveljanza parlamentari b'saħħitha fuq l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE trid tkun ibbażata fuq il-QEA li tipprovdi lill-Parlament bl-aħjar xogħol ta' awditu possibbli u, jekk inkun maħtur bħala membru tal-QEA, se nimpenja ruħi bis-sħiħ li nappoġġja, niffaċilita, u ntejjeb, fejn meħtieġ, il-kooperazzjoni bejn il-QEA u l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit. Fejn xieraq, nilqa' l-opportunità li ninvolvi ruħi ma', nisma' u nitgħallem minn membri tal-Kumitat CONT biex intejjeb il-kooperazzjoni bejn il-QEA u l-PE biex tissaħħaħ is-sorveljanza fuq l-infiq tal-UE u nwassal l-aħjar valur possibbli għall-flus għaċ-ċittadini tal-UE.

16. X'valur miżjud taħseb li jġib miegħu l-awditjar tal-prestazzjonijiet u s-sejbiet kif għandhom jiġu inkorporati fil-proċeduri ta' ġestjoni?

Tweġiba:

Matul il-karriera professjonali tiegħi, kelli l-opportunità li nara r-rapporti finali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri li jirriżultaw mill-awditjar tal-prestazzjoni u jien konvint li r-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar ifformulati mill-Qorti jipprovdu l-akbar valur miżjud tanġibbli tal-approċċ tal-awditjar tal-prestazzjoni.

Il-QEA għandha kompetenza qawwija fl-iżvilupp ta' rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq evidenza tal-awditjar rilevanti u affidabbli, kif esperjenzajt ħafna drabi jien stess. Meta din l-evidenza tal-awditjar tiġi tradotta f'konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet azzjonabbli, dawn jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-titjib tal-ġestjoni finanzjarja soda tal-UE.

Iżda biex jiġu inkorporati mill-entità awditjata fil-proċeduri ta' ġestjoni u għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awdituri, jeħtieġ li jkollhom impatt sabiex iżidu l-valur. Mill-esperjenza nazzjonali u Ewropea tiegħi, bħala awdituri rridu dejjem infittxu li nagħmlu rakkomandazzjonijiet tassew rilevanti u prattiċi li jinftiehmu u jiġu kondiviżi mal-persuna awditjata tagħna. Ir-rakkomandazzjonijiet jenħtieġ li jkunu indirizzati lejn il-livell ta' ġestjoni t-tajjeb bil-kompetenza li jimplimentahom u jenħtieġ li jkunu vijabbli f'termini ta' ħin, spiża, u riżorsi. Hawnhekk nixtieq nirreferi għat-tweġiba tiegħi għall-mistoqsija 14 u nfakkar l-Artikolu 33 tar-Regolament Finanzjarju dwar ġestjoni finanzjarja tajba. L-Artikolu 33(3) jitlob li l-objettivi jkunu "speċifiċi, li jistgħu jitkejlu u jinkisbu, rilevanti u marbuta bil-ħin". L-istess għandu japplika għar-rakkomandazzjonijiet li nipprovdu bħala awdituri lill-maniġment bħala objettivi li jridu jintlaħqu.

Jekk nifhmu l-awditjar tal-prestazzjoni bħala proċess biex jiġu identifikati nuqqasijiet potenzjali u biex jiġu fformulati rakkomandazzjonijiet siewja u vijabbli għal-livell rilevanti ta' ġestjoni, il-QEA tista' tgħin biex tiżgura programmi ta' nfiq li joħolqu u jżidu valur lill-UE u liċ-ċittadini tagħha.

17. Kif tista' tittejjeb il-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Awdituri, l-istituzzjonijiet nazzjonali ta' awditjar u l-Parlament Ewropew (il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit) rigward l-awditjar tal-baġit tal-UE?

Tweġiba:

Matul il-karriera professjonali tiegħi fil-Qorti tal-Awdituri Taljana, f'diversi okkażjonijiet kelli l-pjaċir li ninvolvi ruħi ma' Membri tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fil-qafas organizzattiv tal-INTOSAI (l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar) u l-EUROSAI (l-Organizzazzjoni Ewropea tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar).

Ir-rwol tal-QEA f'dawn il-fora huwa tal-ogħla valur għall-ħidma tal-istituzzjonijiet supremi tal-awditjar nazzjonali u nemmen li l-QEA sservi bħala l-fulkru kruċjali fl-iskambju tal-aħjar prattiki dwar il-awditjar tal-baġit tal-UE. L-iskambju regolari ta' informazzjoni, il-ħolqien ta' gruppi ta' ħidma u għarfien kondiviż u pubblikazzjonijiet u kompendiji li jirriżultaw isaħħu b'mod sinifikanti l-kwalità tax-xogħol tagħna ta' kuljum. Dan jikkontribwixxi wkoll għall-armonizzazzjoni tal-għarfien u l-prattiki fir-rigward tar-rwol tas-SAI fis-salvagwardja tal-interessi finanzjarji tal-UE u l-protezzjoni tal-baġit tal-UE.

Nista' nara kif il-QEA, fir-rwol ta' fulkru bejn l-istituzzjonijiet Ewropej tal-awditjar se

tkun ta’ benefiċċju wkoll għall-Parlament Ewropew u għal dan il-Kumitat. It-tisħiħ tad-djalogu mal-partijiet ikkonċernati prinċipali fil-Parlament ikompli jgħolli l-kwalità tax-xogħol tagħna. Il-Parlament jista’ jikkontribwixxi billi jesprimi l-opinjoni tiegħu u, pereżempju, jindika preferenzi dwar oqsma futuri ta’ awditu ta’ interess partikolari, filwaqt li l-istituzzjonijiet tal-awditjar jistgħu jaqsmu l-fehmiet u l-esperjenzi tagħhom biex joħolqu fehim aħjar għall-partijiet ikkonċernati. Tali fehim aħjar tal-aspettattivi tal-partijiet ikkonċernati mqabbla mal-prestazzjoni u l-metodoloġija tal-awdituri se jżid il-valur għal sistema effiċjenti tar-riżorsi, orjentata lejn il-prestazzjoni, ta’ responsabbiltà pubblika u sorveljanza fl-UE.

18. Kieku inti kif tiżviluppa aktar ir-rapportar tal-QEA biex il-Parlament Ewropew jingħata kull informazzjoni meħtieġa dwar l-akkuratezza tad-data mogħtija mill-Istati Membri lill-Kummissjoni Ewropea?

Tweġiba:

Din il-mistoqsija hija ta’ importanza kbira u r-rilevanza tagħha żdiedet b’mod sinifikanti mit-tnedija tal-“Next Generation EU”. Il-kwalità u d-disponibbiltà tad-data huma fundamentali għall-awditur biex jaqdi dmirijietu, daqskemm huwa għall-awtorità ta’ kwittanza li tesegwixxi s-sorveljanza baġitarja tagħha.

Jien nifhem, li grazzi għall-kooperazzjoni eċċellenti u stabbilita sew bejn il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri fl-awditu finanzjarju u ta’ konformità, id-disponibbiltà u l-kwalità tad-data jenħtieġ li jkunu ta’ kwalità sodisfaċenti. Matul id-Dikjarazzjoni ta’ Assigurazzjoni, ix-xogħol tal-Qorti, il-komunikazzjoni, u l-fluss ta’ informazzjoni, jidhru adegwati u l-metodi differenti ta’ implimentazzjoni baġitarja (diretta, indiretta, kondiviża) jidhru li għandhom proċessi ta’ rapportar armonizzati. Jeħtieġ li l-eżattezza tiġi kkontrollata u miżmuma kontinwament, pereżempju, il-QEA tista’ tipprovdi valutazzjoni rikorrenti fir-rapport annwali dwar l-eżattezza tad-data bbażata fuq metodi ta’ kampjunar u tista’ tikkoopera jew saħansitra toħloq nodu ta’ għarfien komuni mal-EUROSTAT dwar il-kwalità u l-analiżi tad-data.

Dak li esperjenzajt, madankollu, meta kont qed naħdem fuq is-superviżjoni tal-approċċ baġitarju l-ġdid ta’ strumenti bbażati fuq il-prestazzjoni bħall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, huwa li jidher li hemm nuqqasijiet fl-eżattezza tad-data bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni. u l-Parlament jew għall-inqas fehmiet diverġenti dwar l-interpretazzjoni tad-data. Esperjenzajt mill-qrib kemm id-diskussjoni tista’ tkun ta’ sfida bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri dwar il-provvista u l-interpretazzjoni tad-data disponibbli, speċjalment meta tiġi biex tevalwa ksib sodisfaċenti tal-prestazzjoni, miri, u tragwardi. Konsegwentement, jista’ jkun saħansitra aktar ta’ sfida għall-Kumitat li jeżerċita s-sorveljanza tiegħu fuq l-interpretazzjoni tad-data potenzjalment ikkontestata.

Filwaqt li nitgħallmu minn din l-esperjenza u bil-ħsieb tal-futur ta’ baġit ibbażat fuq il-prestazzjoni, huwa kruċjali li jinkiseb progress, u li jiġu stabbiliti l-aħjar prattiki dwar il-fluss u l-iskambju ta’ informazzjoni bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea, il-QEA u l-Parlament Ewropew, biex jiġi żgurat li l-interpretazzjoni tad-data tinżamm f’materja trasparenti. Ir-responsabbiltà pubblika dovuta tistenna u teħtieġ xejn ħlief dan, u jekk inkun maħtur bħala Membru tal-QEA, se nikkontribwixxi l-esperjenza

tiegħi għat-titjib u l-armonizzazzjoni kontinwi tal-istrutturi u l-kanali ta' rapportar, biex noħolqu valur għall-kontribwenti tal-UE u nassiguraw ir-responsabbiltà.

Mistoqsijiet oħrajn

19. Tirtira l-kandidatura tiegħek jekk l-opinjoni tal-Parlament dwar il-ħatra tiegħek bħala Membru tal-Qorti ma tkunx favorevoli?

Tweġiba:

Il-fiduċja tal-Parlament Ewropew u tal-Membri ta' dan il-Kumitat hija l-pedament kruċjali għall-ħidma tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Hawnhekk se nitlaq fuq missjoni biex nikseb din il-fiduċja, espressa permezz ta' opinjoni favorevoli, fil-fehma qawwija li l-fiduċja hija l-aktar munita siewja ta' interazzjoni professjonali.

Jekk ma nistax nikseb il-fiduċja tal-Parlament Ewropew, nirrispetta bis-sħiħ l-opinjoni tiegħu dwar il-ħatra tiegħi bħala Membru tal-Qorti tal-Awdituri u nirtira l-kandidatura tiegħi f'każ ta' opinjoni mhux favorevoli tal-Parlament.